



Ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja tal-UE

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea reċentement ressqet proposta ta' riforma tas-sistema ġudizzjarja Ewropea li, wara li ġiet approvata bħala prinċipju mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tinsab attwalment fl-istadju ta' eżami quddiem il-Parlament Ewropew. Din il-proposta ta' riforma hija ta' importanza kbira għaliex hija intiża li ssaħħaħ fit-tul l-effiċjenza tal-ġustizzja fl-interess taċ-ċittadin Ewropew.

Il-kuntest tal-proposta: iż-żieda fin-numru ta' kawżi mressqa u d-dewmien eċċessiv

Il-Qorti Ġenerali ilha għal diversi snin f'sitwazzjoni estremament diffiċli marbuta maż-żieda konstanti ta' kawżi mressqa quddiemha: in-numru ta' kawżi mressqa quddiem din il-qorti żdied minn 398 fl-2000 għal 912 fl-2014. Jidher li din iż-żieda spettakolari hija strutturali u li għalhekk hemm ir-riskju li tkompli.

Sabiex din is-sitwazzjoni tiġi solvuta, diġà ġew adottati diversi miżuri li wasslu għal titjib sinjifikattiv fl-effiċjenza u għal riżultati tajba ħafna fin-numru ta' kawżi magħluqa. Madankollu, minkejja dawn l-isforzi, ma kienx possibbli għall-Qorti Ġenerali taħdem sew bir-ritmu ta' żieda fin-numru ta' kawżi pendenti. Minn dan isegwi li, fiċ-ċirkustanzi attwali, il-Qorti Ġenerali ma hijiex f'pożizzjoni li tlaħħaq, fit-tul u b'mod effiċjenti, man-numru u mal-kumplessità dejjem ikbar ta' kawżi mressqa quddiemha.

Minħabba dan l-iżbilanċ strutturali u dejjem jikber, il-perijodu għall-ipproċessar tal-kawżi kumplessi quddiem il-Qorti Ġenerali, bħall-kawżi ekonomiċi, sar partikolarment twil. F'dan il-kuntest, għandu jittfakkar li t-tul eċċessiv ta' proċedura jista' jwassal għall-ksur tad-dritt li l-kawża tinqata' fi żmien raġonevoli, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u jesponi lill-Unjoni għar-riskju li tiġi kkundannata fil-kuntest ta' rikors għad-danni, kundanna li l-konsegwenzi finanzjarji tagħha għandhom jiġu sostnuti mill-baġit tal-Unjoni. Fil-fatt, f'sena diġà tressqu **ħames rikorsi għad-danni quddiem** il-Qorti Ġenerali, fejn is-somma totali ta' danni mitluba tammonta għal **EUR 26.8 miljun**.

Is-soluzzjoni proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2011, biex tiġi affaċċjata din l-isfida, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet ressqet proposta intiża, b'mod partikolari, sabiex in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiżdied minn 27 għal 39. Din il-proposta, li rċeviet l-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni Ewropea, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew mal-ewwel qari u l-kunsens bħala prinċipju tal-Kunsill, madankollu ma ġietx implementata minħabba nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-mod kif għandhom jinħatru dawn l-Mħallfin addizzjonali.

Fl-2014, fuq stedina tal-President tal-Kunsill u fid-dawl tas-sitwazzjoni li marret għall-agħar meta mqabbla mal-2001, il-Qorti tal-Ġustizzja tejbet il-proposta tagħha.

Fil-fatt, il-proposta għar-riforma attwali hija intiża li ssaħħa l-effiċjenza globali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni u li tipprovi soluzzjonijiet **strutturali u fit-tul**.

Għandu jiġi enfasizzat li din il-proposta hija r-riżultat ta' diskussjonijiet u dibattiti intensivi bejn it-tliet qradi li jiffurmaw l-istituzzjoni (il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz pubbliku), li matulhom il-Qorti Ġenerali esprimiet il-preferenza tagħha għall-ħolqien ta' qorti speċjalizzata u fejn it-Tribunal għas-Servizz pubbliku kien favur is-soluzzjoni proposta. Peress li qieset li l-esperjenza (b'mod partikolari ż-żieda fin-numru ta' référendaires jew il-ħolqien ta' qorti speċjalizzata), turi li ma teżisti l-ebda alternattiva fit-tul, il-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrappreżenta l-istituzzjoni, ippreżentat il-proposta li llum tinsab quddiem il-leġiżlatur Ewropew.

X'tinvolvi l-proposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ?

Il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi l-ħolqien ta' 21 pożizzjonijiet ġodda ta' Mħallef sabiex tissaħħa l-Qorti Ġenerali. Dan għandu jseħħ fi tliet stadji skont kif ġej:

– fl-2015 : żieda ta' 12-il Mħallef;

– fl-2016, fil-kuntest tat-tiġdid tal-Qorti Ġenerali, in-numru ta' Mħallfin jiżdied b'7, permezz tal-integrazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz pubbliku mal-Qorti Ġenerali, sabiex in-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali jitle' għal 47;

– fl-2019, fil-kuntest tat-tiġdid li jmiss tal-Qorti Ġenerali, in-numru ta' Mħallfin jiġi finalment miżjud b'disa' pożizzjonijiet, sabiex in-numru ta' Mħallfin jitle' għal 56.

Dan it-tqassim fi tliet stadji huwa ġġustifikat minn raġunijiet ġudizzjarji (monitoraġġ tal-iżvilupp kostanti tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali) u minn raġunijiet baġitarji (sabiex il-konsegwenzi baġitarji tar-riforma proposta jitqassmu fuq diversi snin).

Għandu jittfakkar li din il-proposta ma tirispondix biss għall-bżonnijiet immedjati tal-Qorti Ġenerali, iżda hija fuq kollox intiża sabiex issaħħa fit-tul l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja Ewropea kollha kemm hi.

L-ewwel nett, l-implementazzjoni tal-proposta għandha tippermetti li l-Qorti Ġenerali **twaqqaf iż-żieda fin-numru ta' kawżi pendenti** u tibda tnaqqas mill-istokk tagħha. B'konsegwenza ta' dan jitnaqqas it-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u, għaldaqstant, jitnaqqsu r-riskji li l-Unjoni tiġi kkundannata għal ksur tal-obbligu li tingata' l-kawża fi żmien raġonevoli.

Barra minn hekk, **l-istruttura ġudizzjarja** tal-Unjoni tiġi **ssemplifikata**, l-effiċjenza globali tagħha tissaħħa u l-koerenza tal-ġurisprudenza tagħha tiġi mejgħuna, peress li qorti waħda biss, jiġifieri l-Qorti tal-Ġustizzja, tkun responsabbli li tiżgura l-uniformità tal-interpretazzjoni tad-dritt fil-kuntest tal-appelli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, bis-saħħa ta' din ir-riforma, il-Qorti Ġenerali għandha tikseb iktar flessibilità fl-ipproċessar tal-kawżi: hija tkun tista' tassinja, għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, numru ikbar jew iżgħar ta' Mħallfin lil Awla waħda jew lil diversi Awli, skont l-importanza u l-ħtiġijiet ta' kull kawża u skont l-iżvilupp tal-kawżi mressqa. Bl-istess mod, ir-riforma hija wkoll intiża li tippermetti l-ħarsien u t-titjib kostanti tal-kwalità u tas-serenità tal-ġustizzja mogħtija f'isem iċ-ċittadini Ewropej.

Fl-aħħar nett, ma għandux jintesa li anki n-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħed jiżdied b'mod kostanti. Għalhekk, it-tiżiħ tal-Qorti Ġenerali għandu eventwalment jippermetti trasferiment ta' ċerti kompetenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja lejn il-Qorti Ġenerali, li hija **l-unika soluzzjoni** prevista mit-Trattati sabiex tiġi solvuta żieda fl-ammont ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Spiża tal-proposta

Fuq stedina tal-awtoritajiet baġitarji u leġislattivi, il-Qorti tal-Ġustizzja qablet li l-ispiża totali tar-riforma titnaqqas b'25 %.

B'konsegwenza ta' dan, l-ispiża totali netta tar-riforma, għat-tliet fażijiet kollha kemm huma, tammonta għal **EUR 13.875 miljun** fis-sena, li jirrappreżenta madwar 0.01 % tal-baġit tal-Unjoni (EUR 135 biljun). Meta mqabbla mal-ispiża tar-riforma proposta fl-2011, din iċ-ċifra tirrappreżenta żieda ta' 23 %, filwaqt li l-ammont ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali, matul l-istess perijodu, żdied bi 34 %.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, jekk ma titteħidx deċiżjoni fl-iqsar żmien possibbli, is-sitwazzjoni ser tkompli tiddeterjora ruħha malajr, bi ħsara għaċ-ċittadini u għall-baġit tal-Unjoni. Fil-fatt, fid-dawl tad-daqs tal-flussi finanzjarji involuti, ir-riskji għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern marbuta mal-assenza ta' soluzzjoni dewwiema huma kunsiderevoli. L-ammont ta' multi imposti mill-Kummissjoni u kkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali u dak tal-irkupri ordnati fil-kuntest tal-kawżi ta' għajjnuna mill-Istat jammontaw għal miljuni ta' euro. Dawn is-sommom jibqgħu bblokkati sakemm tingħata deċiżjoni ġudizzjarja u għalhekk ma jistgħux jintużaw fis-suq intern.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355